MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' April, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1114/14 LM

**Office Group Limited (C-39197)**

**vs.**

**Doreen Spiteri (ID No. 167979M)**
**Josef Grech (ID No. 267081M)**
**Elite Printing Malta Limited (C-67046)**
**Dom Communications Limited (C-62617)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Office Group Limited** (minn issa "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2014, li permezz tiegħu talbet lill-Qorti

tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom debituri tagħha fis-somma ta' €202,067.73 u tikkundannahom flimkien jew min minnhom sabiex iħallsuha l-istess somma fuq il-premessi li:

*1. Hija għandha tieħu l-imsemmija somma bħala prezz ta' oġġetti u servizzi relatati mal-istampar, inkluż makkinarju u aċċessorji u kollox kif ordnat mill-istess intimti.*

*2. Ir-relazzjoni bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimati bdiet meta s-soċjetà Dom Communications (Limited) rappreżentata minn Josef Grech, daħlet fi ftehim ta' kiri ta' makkinarju u servizzi f'Marzu 2014.*

*3. F'Ottubru 2014, Josef Grech, b'mala fede, talabha taqleb il-kontijiet li kellha magħha s-soċjetà Dom Communications Limited għal fuq is-soċjetà Elite Printing Malta Limited.*

*4. Dan sar taħt diversi premessi frawdolenti, qarrieqa, inveritieri u foloz illi Elite Printing Malta Limited kellha l-fondi biex tħallas l-arretrati kollha, kienet ser tinvesti aktar u tkabbar in-negozju u b'hekk kien hemm lok għal aktar negozju bejn il-kontendenti, meta l-konvenuti kienu jafu ben tajjeb li ma kellhomx biex jonoraw l-obbligi tagħhom.*

*5. Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti ġiet indotta f'dan il-qerq, tant illi għamlet ordnijiet minn barra, u peress illi sussegwentement irriżulta li mhux veru li Elite Printing Malta Limited kienet qed tinvesti, tkabbar l-operat tagħha, jew li kellha l-finanzjament sabiex tħallas l-ammonti dovuti.*

*6. Il-moħħ wara dan il-qerq kienu l-intimati Josef Grech u Doreen Spiteri, li aġixxew b'mala fede. L-intimati ammettew il-qerq mal-Pulizija*

*Eżekuttiva u wegħdu li jħallsu iżda baqgħu ma ħallsux, minkejja li ġew interpellati diversi drabi biex jagħmlu dan.*

Rat illi l-konvenuti **Doreen Spiteri (ID No. 167979M), Josef Grech (ID No. 267081M), Elite Printing Malta Limited (C-67046) u Dom Communications Limited (C-62617)** (minn issa "il-konvenuti") ippreżentaw risposta ġuramentata fit-30 ta' Marzu, 2015 li permezz tagħha taw kemm eċċezzjonijiet komuni kif ukoll eċċezzjoni partikolari għal xi wieħed jew ieħor minnhom. L-eċċezzjonijiet komuni kienu li:

1. *it-talbiet huma infondati;*

2. *l-azzjoni hi neboluża bil-kawżali li jikkonfondu relazzjoni kontrattwali ma' danni naxxenti minn kuntratt u ma' danni akwiljani b'akkużi ta' frodi kemm kontra persuni individwali kif ukoll kontra entitajiet legali u b'hekk l-azzjoni mhix ċara;*

3. *l-attriċi trid tiċċara l-azzjoni tagħha billi tiddikjara jekk hix ibbażata fuq kuntratt jew hix ta' natura aquiliana iżda ma tistax tkun azzjoni waħda li tinkorpora lit-tnejn;*

4. *jekk l-azzjoni hi kuntrattwali trid tiċċara kif u kontra min qed tippretendi l-ħlas tal-invoices esebiti billi dawn huma indirizzati lil Elite Printing Malta mentri l-kawża hi wkoll kontra Dom Communications Limited;*

5. *l-azzjoni attriċi tant hi neboluża li filwaqt li f'din il-kawża l-attriċi ċċitat lil Dom Communications Limited biex titlob risarċiment abbażi tal-kuntratt tal-10 ta' Marzu, 2014, b'kontradizzjoni*

*klamoruża, f'kawża pendenti quddiem din il-Qorti mressqa minn Dom Communications Limited kontra s-soċjetà attriċi (numru 1133/14LM), is-soċjetà Office Group Limited qed tiddefendi ruħha billi tgħid li m'għandhiex relazzjoni ġuridika fil-konfront ta' Dom Communications Limited billi kien hemm trasferiment ta' obbligi fuq Elite Printing Malta Limited;*

6. *din il-kawża nħarġet kontra erba' partijiet biex jiġi ġustifikat il-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru u qbid kontrihom biex jimminawhom bl-iktar mod qawwi;*

7. *l-ammont mitlub mhux dovut u bla preġudizzju għal dan, l-attriċi għandha tipprova li l-ammont mitlub minnha huwa dovut.*

Il-konvenuta **Doreen Spiteri** eċċepiet ukoll li:

8. *qatt ma kkommettiet frodi u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

9. *qatt ma kellha ebda kuntatt mas-soċjetà attriċi jew rappreżentanti tagħha u b'hekk qatt ma setgħet ikkommettiet frodi;*

10. *qatt ma daħlet f'negozjati la f'isimha u lanqas f'isem il-kumpannija li tagħha għandha r-rappreżentanza;*

11. *in vista tal-allegazzjonijiet li saru fir-rikors ġuramentat hija ppreżentat kwerela mal-pulizija eżekuttiva billi dak allegat jammonta għal sperġur u malafama fost l-oħrajn.*

Il-konvenut **Josef Grech** eċċepixxa wkoll li:

12. *jiċħad li kkommetta frodi u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

13. *m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi minħabba allegat frodi billi hu aġixxa f'isem il-kumpannija li jirrappreżenta;*

14. *qatt ma daħal f'negozjati mas-soċjetà attriċi f'ismu;*

15. *in vista tal-allegazzjonijiet li saru fir-rikors ġuramentat huwa ppreżenta kwerela mal-pulizija eżekuttiva billi dak allegat jammonta għal sperġur u malafama fost l-oħrajn.*

Is-soċjetà konvenuta **Elite Printing Malta Limited** eċċepiet li:

16. *m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

17. *billi hi entità legali ma tistax tkun ħatja ta' frodi kriminali;*

18. *ir-rikorrenti għandha tipprova dak li qed tallega inkluż is-somma mitluba.*

Is-soċjetà konvenuta **Dom Communications Limited** eċċepiet li:

19. *m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika billi l-invoices esebiti huma indirizzati lil Elite Printing Malta Limited u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

20. *hemm diversi oġġetti fl-invoices esebiti li qatt ma ġew ikkonsenjati lilha;*

21. *billi hi entità legali ma tistax tkun ħatja ta' frodi kriminali;*

22. *ir-rikorrenti għandha tipprova dak li qed tallega inkluż is-somma mitluba;*

23. *ir-rikorrenti qatt ma sofriet danni u l-eċċipjenti qatt ma kkawżatilha danni;*

24. *l-ammont hu eċċessiv.*

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda ta' **Adrian Caruana, Christine Galea** u **Robert Micallef,** prodotti mis-soċjetà attriċi u dik ta' **Josef Grech** in subizzjoni.

Rat il-verbal fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2016 li permezz tiegħu l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prezz tal-oġġetti u servizzi fuq imsemmija pprovduti mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta Dom Communications Limited telgħu għas-somma ta' €55,496.39, f'liema stadju l-kont imbagħad ġie ttrasferit f'isem is-soċjetà konvenuta Elite Printing Malta Limited (C-67046) fejn il-kont kompla tiela' għal €202,067.73.

Illi l-konvenut **Josef Grech**, meta xehed fis-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2015 (ara fol. 50) ammetta li s-soċjetà attriċi għandha tieħu l-flus bħala prezz ta' oġġetti u servizzi relatati mal-istampar, inkluż makkinarju u aċċessorji iżda kkontesta l-*quantum* minħabba li skont hu kien hemm parti mill-makkinarju, li jikkonsisti fi *stapler* li kienet difettuża u minħabba li l-*counter* tal-magna li jgħodd in-numru ta' karti użati kien jgħodd il-karti tal-qies A5 bħala karti tal-qies A4. Huwa la kkwantifika l-valur tal-i*stapler* u lanqas tal-għadd allegatament żbaljat tal-karti.

Dawn iż-żewġ diverġenzi però kienu inklużi fis-somma li ġiet ittrasferita mill-kumpannija Dom Communications Limited għal Elite Printing Malta Limited. Dak iż-żmien ma saret l-ebda protesta jew riżerva dwar l-ammont inkwistjoni, kif ikkonferma Robert Micallef, Chief Executive Officer tas-soċjetà attriċi (fol. 56), li xehed ukoll li "m'hawn l-ebda *printer* jew magna li għandha *counter* għal A5. Din spjegajtha u konna spjegajnielu li l-*clicks* huma A4" (fol. 56). Qal ukoll

li l-A4 huwa l-minimu. Ix-xhud qal ukoll li l-i*stapling unit* huwa parti żgħira mill-makkinarju u bl-amment kien qed jikkalkula li ma jaqbiżx il-€5,000.

Il-Qorti sejra eventwalment tnaqqas *arbitrio boni viri* din is-somma ta' €5,000 minn dik pretiża mis-soċjetà attriċi.

Illi permezz tal-iskrittura li tinsab a fol. 21, li ma jidhirx li ġiet redatta minn persuna legali, saret dik li ssejħet "*amendment*" tal-kuntratt ta' bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta Dom Communications Limited:

> "*This amendment shall consist of the change in the company from Dom Communications Ltd Vat: 2151-1821 to Elite Printing Malta Ltd Vat: 2199-7312. Other changes include the crediting Euro 55,496.39 (fifty-five thousand, four hundred ninety-six Euros and thirty-nine Euro cents) which total is the sum of account balance under Dom Communications Vat:2151-1821 due to Office Group Ltd., re-invoiced under the new company namely Elite and also the transfer of payments held by Dom Communications VAT: MT 2151-1821 towards Office Group Ltd VAT: MT 1805-6121 amounting to Euro 3640.00 (three thousand, six hundred and forty euros*)".

L-iskrittura ġiet iffirmata minn Robert Micallef f'isem is-soċjetà attriċi u Josef Grech f'isem Dom Communications Limited. M'hemmx dubbju li dak li sar permezz ta' din l-iskrittura kien is-sostituzzjoni tad-debitur. Permezz tagħha, Dom Communications Limited ġiet estromessa bħala debitur u d-dejn tagħha ġie trasferit f'isem is-soċjetà Elite Printing Malta Limited. Għalkemm jidher li

Josef Grech għandu wkoll ir-rappreżentanza legali ta' Elite Printing Malta Limited, din mhijiex parti fl-iskrittura. Imma m'hemmx dubbju iżda li din il-kumpannija (Elite Printing Malta Limited) aċċettat id-debitu tal-ewwel debitur (Dom Communications Limited).

Mhux ikkontestat li Josef Grech jirrappreżenta lil Dom Communications Limited, tant hu hekk huwa ħalef ir-risposta maħlufa għan-nom tagħha wkoll. Altrimenti Josef Grech meta deher fuq l-iskrittura kien qed jikkommetti att frawdolenti. Jirriżulta għalhekk li kien hemm novazzjoni permezz tas-sostituzzjoni tad-debitur. Skont l-Artikolu 1179 tal-Kodiċi Ċivili, "Hemm novazzjoni… (b) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur".

Skont l-Artikolu 1184 tal-istess Kodiċi, "Il-kreditur li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni, ma jistax idur kontra dak id-debitur, kemm-il darba d-delegat isir mhux solvibbli, ħlief jekk il-kreditur fiż-żmien tad-delegazzjoni, ikun żamm espressament il-jedd għaldaqshekk, jew jekk id-delegat kien ġa mhux solvibbli jew fallut jew wasal biex ifalli".

Mir-Rikors Maħluf jirriżulta, mhux ikkontestat mill-konvenuti, li l-kumpannija Elite Printing Malta Limited, li fuqha daru l-kontijiet fuq il-wegħda li kienet kapaċi tħallas, qatt ma kienet fil-qagħda li tagħmel dan. Li jfisser li ma kinitx solvibbli meta sar il-ftehim tat-trasferiment tad-debitu għal fuqha. Fil-fatt mhux biss id-debitu baqa' ma tħallasx, imma talli kważi ttrippla fi ftit xhur.

Josef Grech xehed, fit-3 ta' Diċembru 2015 li kien qiegħed jistenna pagament mingħand il-Gvern biex ikun f'qagħda li jħallas. Dan ftit iktar minn sena wara li sar il-ftehim fis-27 ta' Ottubru, 2014, f'liema data għolla d-dejn minn €51,866 għal €128,746 f'isem il-kumpannija Elite Printing Malta Limited u sas-26 ta' Novembru, 2014 żiedu sa €185,691.35.

Ta' dan kollu huwa responsabbli Josef Grech, li bi stqarrijiet inveritieri webbel lis-soċjetà attriċi biex teħles lill-ewwel debitur mid-debitu tiegħu, u ddawwar il-kont fuq kumpannija ġdida li kjarament ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas. U ma waqafx hawn għax kompla jżid id-dejn fuq din il-kumpannija ġdida fi stat ta' insolvenza.

Illi Josef Grech ma jistax jinħeba wara l-kumpanniji li tagħhom huwa r-rappreżentant biex jeħles mir-responsabbiltà personali tiegħu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs. Mark Gaffarena**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fit-28 ta' Novembru, 2008, Mark Gaffarena bħala direttur ta' kumpannija wara li kien iddikjara formalment lill-MFSA li l-kumpanija tiegħu kienet f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha, baqa' ma ħallasx lis-soċjetà attriċi, li aġixxiet kontra ż-żewġ diretturi. Il-Qorti qalet li:

> "Mark Gaffarena però ried jaħbi wara l-"*corporate veil*" tas-socjetà biex igħid li mhux responsabbli, iżda biss is-soċjetà Dacia Motors Limited. Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut Mark Gaffarena ma jistax jargumenta b'dan il-mod. Bħala direttur tas-soċjetà kien responsabbli versu l-kredituri tal-istess soċjetà u kellu jkun fid-dmir li jpoġġi stampa ċara tal-pożizzjoni tal-kumpanija ħalli l-kredituri jkunu jistgħu jieħdu deċizjonijiet infurmati dwar l-interessi tagħhom. Mhux l-ewwel darba li l-Qrati tagħna ddeċidew illi kellhom id-diskrezzjoni li jneħħu l-"*corporate veil*" tas-socjetà

> f'każi ta' abbużi biex isalvagwardjaw id-drittijiet tal-kredituri (ara deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2007 fil-kawża fl-ismijiet **Andrew Borg Cardona noe vs. Price Club Holdings Limited**, kif ukoll sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2002 fil-każ **Supermarkets (1960) Limited vs. Le Cram Developments Company Limited)**.
>
> Veru illi f'dan l-istadju ma ġiex allegat illi kien hemm *"fraudulent trading"* da parti tal-konvenuti, però żgur irriżulta abbuż da parti tagħhom biex ma jiġux imħallsa l-kredituri. Il-Qorti ssibha ferm stramba d-dikjarazzjoni tal-konvenut Gaffarena meta filwaqt li qed jagħraf il-firma tiegħu, ma jafx għal xiex qed jiffirma. Dana żgur li mhuwiex responsabbiltà ta' direttur ta' kumpanija. Dana mhuwiex qiegħed hemmhekk sabiex jieħu l-flus biss u jaħrab mir-responsabbiltà hekk kif jibda l-maltemp. Bħala direttur dana għandu l-obbligu li jkun jaf dejjem u fi kwalunkwe ħin il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija illi huwa qed imexxi, u jekk ma jkunx jafha jkun qed jonqos mir-responsabbiltà tiegħu u ma jistax iħalli f'idejn l-*accountants* jew persuni oħra biex imexxu l-kumpanija u mbagħad igħid illi ma kienx jaf x'kien qed isir. Huwa obbligu u d-dover ta' kull direttur ta' kumpanija anke jekk mhux eżekuttiv li jassigura li l-kumpanija qed titmexxa b'mod onest, skont il-liġi u jkun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija f'kull ħin."

Tqis illi s-soċjetà attriċi ma ressqet ebda prova dwar x'kien ir-rwol ta' Doreen Spiteri u dwar jekk din kellhiex xi kariga f'xi waħda miż-żewġ soċjetajiet konvenuti. Lanqas jirriżulta li din ipparteċipat biex jiddawwru l-kontijiet f'isem is-soċjetà Elite Printing Malta Limited.

**<u>Decide</u>**

**In vista tas-suespost, din il-Qorti qiegħda:**

**1. tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti ħlief li tillibera lil Doreen Spiteri mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**2. tiddikjara li s-soċjetà attriċi għandha tieħu s-somma komplessiva ta' €197.067.73, prezz ta' oġġetti u servizzi relatati mal-istampar, inkluż makkinarju u aċċessorji u kollox kif ordnat mill-konvenuti Dom Communications Limited, Josef Grech u Elite Printing Malta Limited;**

**3. tikkundanna solidalment bejniethom lill-konvenuti Josef Grech u Elite Printing Malta Limited biex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €197.067.73 u lis-soċjetà konvenuta Dom Communications Limited biex tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' €55,496.39.**

**Bl-imgħax legali mill-1 ta' Diċembru, 2014 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji ppreżentati kontestwalment mar-rikors maħluf a kariku tal-konvenuti Dom Communications Limited, Josef Grech u Elite Printing Malta Limited.**

Moqrija

-------------------TMIEM--------------------